**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 21**

**Avviz Nru: 1246/02 AE**

**Lydia Crosson**

**Vs**

**The Yellow Emperor (Zhong Hai) Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mitejn u ghaxar liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1210.72), rapprezentanti hlas ta' pagi dovuti ghal xoghol li hadmet l-attrici fil-perjodu ta' bejn ix-xahar ta' Jannar

2002 u nofs ix-xahar ta’ Mejju 2002, f’liema perjodu l-attrici kienet impjegata mas-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokument ezebit fl-atti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ elf mitejn u ghaxar liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,210.72), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**